MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tat-22 ta' Dicembru, 2014

Rikors Numru. 1043/2014

**Rikors Guramentat 769/2014 JPG**

**Medilink International**

**Air Ambulance Limited [C 48759]**

**vs**

**L-Ajruplan 9H-MCM MSN-0028**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors tal-Avukat Dottor Pio M.Valletta bhala kuratur in rapprezentanza ta' l-Ajruplan konvenut tat-18 ta'Novembru 2014 li jaqra hekk:

*"Illi s-socjeta attrici Medilink International Air Ambulance Limited talbet w ottjeniet l-ispedizzjoni ta' Mandat ta' Arrest ta' Ingenji tal-Ajru (Numru: 1244/14) kontra l-ajruplan intimat sabiex tikkawtela s-somma ta' mitejn u sitt'elef, hames mija u tmienja u sebghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€206,578.87), kopja ta' liema Mandat ta' Arrest ta' Ingenji tal-Ajru tinsab hawn unita u mmarkata Dokument " A" .*

*Illi dan il-Mandat ta' Arrest ta' Ingenji tal-Ajru intalab fuq l-iskorta ta' kawzali li jghidu (i) li d-depozitu ta' hamsin elf dollari amerikani (US$50,000) previst fl- Aircraft Purchase Agreement kellu jigi rifuz kawza tal-allegat agir abuziv u n-nuqqas ta' trasparenza da parti tas-socjeta M.C.M. Maintenance Centre Munich GmbH; u (ii) li l-penali ta' hamsin elf dollari amerikani (US$50,000) prevista fl-Aircraft Purchase Agreement ghandha tithallas wara li allegatament l-imsemmi ajruplan ma kienx lest ghall-konsenja ai termini ta' l-imsemmi Aircraft Purchase Agreement; u (iii) li s-socjeta attrici inkorriet spejjez li l-ajruplan konvenut ghandu jhallas b'rizultat tal-allegati mankanzi kuntrattwali kommessi u dan fl-ammont ta' mija, wiehed u tlettin elf disa' mija tnejn u hamsin Euro u zewg centezmi (€131,952.02).*

*Illi s-socjeta M.C.M. Maintenance Centre Munich GmbH li maghha s-socjeta attrici kienet iffirmat l-Aircraft Purchase Agreement li d-disposizzjonijiet tieghu huma s-sors ta' dak kollu li qieghed jigi invokati u reklamat mis-socjeta attrici u allura tal-ammont li tieghu intalbet il-kawtela permezz tal-imsemmi Mandat ta' Arrest, ghandha bizzejjed assi kemm fil-Germanja kif ukoll f'Malta sabiex tissoddisfa l-pretensjoni shiha u totali tas-socjeta attrici. Infatti s-socjeta M.C.M. Maintenance Centre Munich GmbH hija azzjonista maggoritarja fis-socjeta M.C.M. Maintenance Centre Malta Limited kif jirrizulta mill-Memorandum &. Articles of Association tal-istess socjeta li jinsab hawn unit u mmarkata bhala Dokument "B". Is-socjeta M.C.M. Maintenance Centre Malta Limited hija proprjetaja ta' hangar fl-ajruport Internazzjonali ta' Malta u l-valur ta' dan il-hangar jissupera bil-bosta l-ammont reklamat u li s-socjeta attrici talbet li jigi kawtelat bil-hrug tal-imsemmi Mandat ta' Arrest.*

*Illi c-cirkostanzi tas-socjeta M.C.M. Maintenance Centre Munich GmbH kienu tali li ma jaghtux lok ghal xi dubju ragonevoli dwar il-likwidita'taghha u dwar il-kapacita finanzjarja tieghu li jhallas it-talbiet tas-socjeta attrici u din il-qaghda tas-socjeta M.C.M. Maintenance Centre Munich GmbH kienet maghrufa sew mis-socjeta attrici.*

*Illi l-ajruplan li jinsab effetwat minn u allura mizmum kawza tal-hrug tal-Mandat ta' Arrest ta' Ingenji tal-Ajru fuq imsemmi jinsab fis-suq ghall-bejgh u hemm possibilita tajba hafna li dan l-ajruplan jinbiegh. Sabiex dan il-bejgh jigi konkluz jinhtieg li x-xerrej interessat u prospettiv jaghmel xi test flights, haga li ma tistax issir sakemm l-ajruplan jibqa' mahkum u effetwat minn u mizmum kawza tal-imsemmi Mandat ta' Arrest.*

*Illi l-periklu li dan il-bejgh potenzjali jisfaxxa u ma jsehhx ser jikkawza danni ingenti u sostanzjali lis-socjeta proprjetarja tal-ajruplan u ghalhekk ghat-tenur ta' dak dispost fl-Artikolu 865H tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili -Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta s-socjeta attrici ghandha tigi ordnata li ggib fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti garanzija tajba ghall-ammont li jkun jiehu kont tal-fatt li l-valur fis-suq ta' ajruplan indikattivament huwa ta' disa' mitt elf dollaru amerikan (US$900,000) u dan kif jemergi mill-Aircraft Purchase Agreement iffirmat bejn is-socjeta attrici u s-socjeta proprjetarja tal-ajruplan M.C.M. Maintenance Centre Munich GmbH.*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi joghgobha (1) ghat-tenur ta' dak provdut f'sub-paragrafu (c) ta' subartikolu (1) tal-Artikolu 836 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili - Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta tirrevoka l-Mandat ta' Arrest ta' Ingenji tal-Ajru (Numru: 1244/14) fl-ismijiet: "Medilink International Air Ambulance Ltd (C48759) vs l-Ajruplan 9H-MCM MSN-0028" pprezentat u mahrug fl-14 ta' Awissu, 2014 u dan taht il-kundizzjonijiet li l-istess Onorabbli Qorti tqis xierqa; u (2) ghat-tenur ta' dak provdut fl-Artikolu 865H tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili - Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lis-socjeta attrici sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti iggib garanzija tajba ghall-ammont li jkun jiehu kont tal-fatt li l-valur fis-suq ta' ajruplan indikattivament huwa ta' disa' mitt elf dollaru amerikan (US$900,000) u dan kif jemergi mill-Aircraft Purchase Agreement iffirmat bejn is-socjeta attrici u s-socjeta proprjetarja tal-ajruplan M.C.M. Maintenance Centre Munich GmbH; u (3) ghat-tenur ta' dak provdut f'paragrafu (c) tas-sub-artikolu 8 tal-Artikolu 836 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili - Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lis- socjeta attrici sabiex thallas lill-konvenut penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69) u mhux izjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il centezmu (6,988.12).*

*B'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-konvenut esponeti skond il-ligi.*

*Bl-ispejjez."*

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tal-24 ta’Novembru 2014 fejn appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-11 ta’Dicembru 2014 fl-10:45am;

Rat illi r-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tal-24 ta’Novembru 2014 fejn appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-11 ta’Dicembru 2014 fl-10:45am;

Rat ir-risposta ta’Medilink International Air Ambulance Ltd (a fol. 25) li taqra hekk:

*“Illi din hija risposta ghar-rikors tat-18 ta' Novembru 2014 li sar mill-ajruplan 9H-MCM [MSN-0028], li permezz tieghu qed jintalab lill-Qorti s-segwenti:*

*(i) Tirrevoka u thassar il-Mandat ta' Arrest ta' Ingenji tal-Ajru (Numru 1244/14) fl-ismijiet fuq citati ai termini tal-artikolu 836(1)(c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*(ii) Tordna lill-ezekutanti tipprovdi garanzija tajba ghall-hlas ta' penali, danni u imghaxijiet ai termini tal-Artikolu 865H tal-Kap 12; u*

*(iii) Tikkundanna lill-ezekutanti sabiex thallas penali u dan ai termini tal- Artikolu 836(8)(c) tal-Kap 12.*

*Illi l-ezekutanti tikkontesta bil-qawwa t-talbiet li qed isiru mill-ezekutat, u ssostni illi m'hemmx ragunijiet tajbin ghat-thassir tal-mandat ta' arrest fuq citat u wisq anqas ghall-impozizzjoni ta' penali, u dan ghar-ragunijiet li gejjin:*

***1.0 Sfond Fattwali***

*Illi fid-19 ta' Marzu 2014, is-socjeta' rikorrenti flimkien mas-socjeta' M.C.M. Maintenance Center Munich GmbH (aktar 'il quddiem imsejha "M.C.M Munich"), bhala s-sid tal-ajruplan intimat, dahlu kemm f’Aircraft Purchase Agreement ghal bejgh ta' l-ajruplan 9H-MCM ta' l-ghamla Cessna Citation SII (S550) sabiex jigi uzat bhala Air Ambulance, kif ukoll f’Short*

*Term Lease Agreement, sabiex l-ezekutanti tikri l-ajruplan minghand is-sid bl-intenzjoni li jigi ppruvat ghat-tul ta' l-Aircraft Purchase Agreement.*

*Illi sussegwentement irrizulta li l-ajruplan intimat kellu diversi difetti teknici serji li ma jaghmluhx lest ghat-titjir, u ghalhekk la seta' jigi ppruvat mix-xerrejja prospettivi u lanqas ma kien ready for delivery ai termini tal-Aircraft Purchase Agreement u tas-Short Term Lease Agreement.*

*Illi f'dan ir-rigward, wara diversi interpellanzi,l-ezekutanti talbu li jinghataw lura d-depositu ta' hamsin elf USD ($50,000) imhallsa ai termini ta' klawzola VI ta' l-Aircraft Purchase Agreement, kif ukoll hamsin elf dollaru amerikan (USD 50,000) ohra dovuti ai termini ta' l-istess artiklu wara illi l-istess ajruplan ma kienx lest ghal 'delivery ' formali tieghu ai termini ta' l-imsemmi Aircraft Purchase Agreement. Illi barra minn hekk talbu ukoll li l-intimati jhallsu dawk l-ispejjez kollha nkorsi mil-ezekutanti fir-rigward ta' l- operazzjoni tal-ajruplan intimat illi saru ghalxejn minhabba li l-ajurplan ma kienx lest biex ikun 'delivered ' ai termini ta' Aircraft Purchase Agreement.*

*Illi ghal kull bwon fini l-ezekutant kkawtelat il-pretensjoni taghha u cioe s-somma totali ta' mitejn u sebat elef, tminn mija u wiehed u tmenin Euro u erbgha u tmenin centezmu (€ 207,841 .84), b'mandat t'arrest ta' ingenji tal-ajru (kawtelatorju) fl-ismijiet fuq citati (Nru 1244/14) u sussegwentement bdiet dawn il-proceduri odjerni.*

***2.0 Sottomissjonijiet Legali***

*2.1 Revoka mandat ta' aruest*

*Illi l-ezekutat qed jitlob illi l-mandat ta' arrest hawn fuq imsemmi jigi revokat ai termini tal-artikolu 836(1)(c) tal-Kap 12 li testwalment jghid:*

> *(1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull iedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi*

> *revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejiin :*
>
> *...*
>
> *(C) li jkun hemm **garanzija xierqa ohra** [emfasi mizjuda] sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-hrug tal-att kawtelatorju sew bil-hrug tal-att kawtelatorju iehor, jew inkella jekk dik il-garanzija ohra tista' ghas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura bizejjed il-pretensjoni;*
>
> *...*

*Illi l-frazi "garanzija xierqa ohra" kienet imfissra minn din l-Onorabbli Qorti, kif diversament preseduta, fil-provvediment fl-ismijiet Helen Camilleri vs Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw il-wirt battal tal-mejjet Dun Luigi Camilleri [25.04. 2014 JRM],bis-segwenti mod:*

> *Illi biex jista' jinghad li tezisti garanzija xierqa ohra li taghmel tajjeb ghall-pretensjoni ta' min talab il-hrug tal-Mandat ghall-finijiet tal-Artikolu 836(1)(c) tal-Kodici, irid jintwera li tali garanzija **trid tkun tinstab fi hdan li stess persuna ezekutata**. [emfasi mizjuda] u dan, generalment, minn stharrig tal-gid li hija jista' jkollha, ukoll jekk tali garanzija hija kostitwita "bil-hrug ta' att kawtelatorju iehor". Kreditu li jista' jkun dovut lill-persuna ezekutata minn terza persuna ma jammontax bhala garanzija adegwata fil-konfront ta' intimat ezekutat iehor.*
>
> *Illi, f'materja ta' garanzija xierqa alternativa, l-piz tal-prova li jezisti gid iehor li jista' jaghmel tajjeb ghall-pretensjonijiet tal-intimat ezekutant jaqa' biss fuq il-parti ezekutata rikorrenti. **Fuq kollox, tali garanzija trid tkun wahda soda, cara u realizzabbli** lill-ezekutant;[emfasi mizjuda].*

*Illi nonostante li jinghad mill-ezekutat li M.C.M Munich ghandha assi kemm f'Malta kif ukoll fil-Germanja, ma inghatat l-ebda lista ta' assi, u aktar u aktar ma inghatat l-ebda garanzija*

*fuq assi alternattivi li jiggarantixxu li l-kreditu kkawtelat mill-ezekutanti ma jigix frustrat. U ghalhekk ma tistax tigi mitluba r-revoka tal-mandat ta' arrest fuq l-ajruplan intimat minghajr ma ingabet garanzija "soda, cara u realizzabbli".*

*Fil-provvediment fl-ismijiet John Zarb vs Port Cottonera Limited [18.09. 2002 TM] il-Qorti kienet provdiet hekk;*

> *L-artikolu 836(1)(c) jikkontempla t-thassir tal-Mandat jekk tkun tezisti sigurta' adegwata ohra li tkun tista' tissodisfa l-pretensjoni tas-sekwestrant. Ir-rikorrent ipprovat turi li ghandha "assi notevoli" li fuqhom l-intimat ikun jista jesegwixxi kwalunkwe sentenza li talvolta jottjeni, pero', ftit li xejn wriet, in konkret li ghandha assi zguri li jistghu jaghmlu tajjeb ghall-pretensjoni tal-intimat.*

*Illi ta' min ifakkar ukoll illi l-ezekutanti dahlet fl-Aircraft Purchase Agreement mas-socjeta M.C.M. Munich bhala s-sid ta' l-ajruplan intimat, u mhux ma' M.C.M Maintenance Centre Malta (aktar 'il quddiem imsejha "M.C.M Malta"). F'dan ir-rigward l-ezekutat ma jistax jippretenti li l-ezekutanti ddur fuq assi ta' M.C.M. Malta meta din mhiex parti minn negozjati. F'dan is-sens l-ezekutanti ma kellhom qatt il-possibilita' li jipprotegu l-kreditu dovut lilhom billi jduru fuq assi li jinstabu fi hdan terza persuna.*

*Illi ghalhekk, taht l-ebda cirkostanza ma jista' jinghad li M.C.M Malta kellha x'taqsam man-negozjati bejn l-ezekutanti u M.C.M Munich. In oltre il-fatt illi s-sid ta' l-ajruplan intimat huwa azzjonist, anke jekk maggoritarja, ta' socjeta' ohra irregistrata f'Malta. ma jibdel xejn mill-fatt li s-socjeta' registrata f'Malta hija persuna guridika differenti ghal kollox mill-azzjonist/i li jikkonstitwuwa. Illi ghalhekk il-fatt li s-socjeta' M.C.M. Munich hija azzjonista maggoritarja fis-socjeta' M.C.M. Malta, ma jfissirx li dawk l-assi kollha li ghandha s-socjeta' M.C.M. Malta huma b'xi mod il-propjeta' ta' M.C.M. Munich, u/jew huma disponibbli ghal l-ezekutanti bhala xi forma ta' garanzija xierqa ohra.*

*Illi in oltre l-ezekutat jghid li din il-garanzija tohrog mill-fatt li M.C.M. Malta hija propjetarja "tal-hangar/l-ajruport Internazzjonjali ta' Malta u li l-valur ta' dan il-hangar jissupera bil-bosta l-ammont reklamat". Illi in subsidium u minghajr pregudizzju, kieku stess din il-propjeta' kellha sservi bhala garanzija xierqa ohra, jinghad illi ma tressqet l-ebda*

*prova li M.C.M. Malta hija in effetti l-propjetarja' tal-hangar, u li f'kull kaz l-imsemmija propjeta' ma hijiex mghobbija b'xi piz jew milquta diga b'xi mandat favur terza persuni. Lanqas ma inghata prova li tali propjeta' qed tintuza bhala garanzija ghal pretensjonijiet ta' l-ezekutanti. Sakemm ma jingibux provi dwar dan, ma jaqax fuq l-ezekutanti li jipprovaw huma mod iehor.*

*Illi l-ajruplan intimat huwa l-uniku ass li ezekutanti kienet zgura li M.C.M. Munich ghandha, u dan ai termini ta' l-Aircraft Register Transcript mahrug mill-Awtorita' ghat-Trasport F'Malta (Dok. M1). Illi ghalhekk l-ezekutanti ezercitat il-jedd taghha billi arrestat l-ajruplan intimat waqt li kien fil-gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta. Dan huwa l-jedd tal-ezekutanti. Sabiex dan il-jedd ma jigix frustrat ta' l-inqas trid tinghata garanzija soda, cara u realizzabli li fuqha l-ezekutanti setghet jkollha garanzija ghall-hlas tal-pretensjoni taghha. F'dan il-kaz, dan is-serhan tal-mohh ma inghatax.*

*In oltre il-fatt illi qed isiru tentattivi sabiex jinbiegh l-ajruplan intimat, juri kemm in effetti hemm ragunijiet li dan l-mandat ma ghandux jigi revokat, dan sabiex il-kreditu kkawtelat u l-eventwali ezekuzzjoni tieghu ma jigux irrimedjabbilment eluzi.*

*2.2 Granzija ghall-hlas*

*Illi l-ezekutat jaghmel referenza ghall-artikolu 865H tal-Kap 12 li jipprovdi illi "ll-qorti tista' meta tingieb raguni tajba ... tordna lill-parti li titlob il-hrug ta' mandat li jgib, fiz-zmien li jigi moghti mill-qorti, garanzija tajba f'ammont ta' mhux inqas minn hdax -il elf u sitt mitt euro, ghall-hlas tal-penali, id-danni u l-imghazijiet u fin-nuqqas ta' dan, thassar il-mandat".*

*Illi dan l-artikolu ghandu jinqara in konjizzjoni ma' l-artikolu 838A tal-Kap 12. Fil-provvediment fl-ismijiet Gian Domenico Sarti vs Palazzo Events Limited [19.12.2013 JRM], il-Qorti kienet qalet:*

> *Illi dwar it-talba tar-rikorrenti ezekutata ghall-ghoti ta' garanzija irid jinghad li l-ligi trid li lill-Qorti tintwera "kawza gusta" biex twassalha tqieghed fuq il-parti ezekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piz li toffri garanzija tajba**. Il-fatt wahdu li ikun inhareg il-Mandat ma jitqiesx bhals "kawza gusta" ghall-finijiet ta' dan l-artikolu. Irid***

> ***<u>ikun hemm ragunijiet ohrajn, izjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti taghti dik is-sanzjoni</u>:*** *[Emfasi mizjuda]*
>
> *Illi nghad ukoll li d-danni li ghalihom jirreferi l-artikolu taht ezami huma dawk li l-intimat ezekutant jista' jipprova li jkun garrab direttament minhabba l-hrug tal-att kawtelatorju u bhala konsegwenza ta' tali hrug, u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-ligi ghal tali liwidazzjoni ;*
>
> *Illi l-ammont tal-garanzija li jrid jigi ffissat **<u>irid izomm bilanc xieraq bejn il-jedd li persuna tressaq att kawtelatorju biex thares il-pretensionijiet taghha f kawza pendenti, u l-effett li tali att ihalli fuq il-persuna li kontra taghha jinhareg dak il-Mandat</u>**. [emfasi mizjuda] Ta' min jghid hawnhekk li l-ordni biex tinghata garanzija m'hijiex l-istess bhal kundanna ta' penali jew kundanna ghall-hlas ta' danni: l-ghan wahdieni taghha huwa li tqieghed lill-parti ezekutta f'qaghda li, meta u jekk tintemm procedura jew kawza ghal dan il-ghan, issib assi li fuqhom tkun tista' tezegwixxi decizjoni favorevoli ghaliha;*

*Illi f'dan ir-rigward ma jikkonkorrux ic-cirkostanzi previsit mil-ligi sabiex twassal lil din l-Onorabbli Qorti sabiex timponi fuq l-ezekutanti l-obbligu tal-ghotja ta' garanzija prevista fl-Artikolu 865H. Il-fatt li l-arrest tal-ajruplan intimat qieghed allegatament ifixkel il-bejgh ta' l-istess ajruplan ma ghandix titqies bhala "raguni tajba" ghaliex ghandhom jigu mposti dawn il-penali, specifikament meta tqis li kien l-uniku ass presenti f'Malta li seta jikkawtela l-kreditu ta' l-ezekutanti. F'dan ir-rigward l-ezekutanti kienet u ghadha biss tissalvagwardja l-jeddijiet taghha permezz ta' l-istitut legali stabbilit bil-ligi.*

*Illi in oltre l-ezekutat qieghed jitlob lil din l-Qorti sabiex tordna llill-ezekutanti igibu garanzija tajba ghall-ammont li jkun jiehu kont tal-fatt li l-valur fis-suq ta' l-ajruplan huwa ta' disa' mitt elf dollar amerikan (US$ 900,000). Illi l-ezekutanti tirribatti din it-talba billi din il-garanzija hekk mitluba ma izommx "bilanc xieraq bejn il-jedd li persuna tressaq att kawtelatorju biex thares il-pretensjonijiet taghha f' kawza pendenti, u l-effett li tali att ihalli fuq persuna li kontra taghha jinttareg dak il-Mandat". Kieku stess, it-twaqqif tal-potenzjali*

*bejgh tal-ajruplan intimat, ma' ghandix tkun problema li l- ezekutanti ghandha taghmel tajjeb ghaliha hi - u dan precizament minhabba l-fatt li l-arrest ta' l-ajruplan qieghed biss sabiex jikkawtela ammonti dovuti lilha.*

*Illi f' dan ir-rigward l-ezekutanti taghmel ukoll referenza ghal artikolu 862 tal- Kap l2 li huwa mera ta' l-artikolu 865H, izda li jirrelata mal-bastimenti. Il-kliem f'dawn iz-zewg artikoli m'humiex 'il boghod minn dak fl-artikolu 838A ta' l-istess kodici, li wkoll jitkellem dwar it-tqeghid ta' garanzija tajba min-naha tal-ezekutant.*

*IIIi fis-sentenza fl-ismijiet Avukat Louis Cassar Pullicino bhala mandatarju ghan-nom ta' The Foreign Economic & Technical Co-Operation Company of China, Changjiang National Shipping Group u Qingshan Shipyard of China Changjiang National Shipping Group vs Il-Bastiment M.V. Beluga Sydney [30.12.2011 JRM], din l-Onorabbli Qorti kienet ipprovdiet is-segwenti:*

> *[F]l-artikolu 862, trid ukoll li lill-Qorti tintwera "raguni tajba" biex twassalha tqieghed fuq il-parti ezekutanti ta' Mandat kawtelatorju ta' Arrest ta' Bicca tal-Bahar il-piz li toffri garanziia tajba.* ***Il-fatt wahdu li jkun inhareg il-Mandat ma jitqiesx bhals "kawza gusta" jew "raguni tajba" ghall-finijiet tal-ligi. Irid ikun hemm ragunijiet ohrajn, izjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti taghti dik is-sanzjoni:*** *[emfasi mizjuda]*
>
> *Illi nghad ukoll li d-danni li ghalihom jirreferi l-artikolu taht ezami huma dawk li l-intimat ezekutant jista' jipprova li jkun garrab direttament minhabba l-hrug tal-att kawtelatorju, u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-ligi ghal tali likwidazzjoni. Minbarra dan, jidher li* ***fejn persuna ntwera li kellha ragunijiet tajba biex tohroq Mandat kawtelatorju u l-istess Mandat la kien eccessiv, la fieragh u langas vessatorju ghaldaqstant ma jitnisslux ragunijiet la ghall-kundanna ghall-hlas ta' penali u langas ghad-danni minhabba l-istess Mandat****: [emfasi mizjuda],*

*Illi l-ezekutanti jibqghu jsostnu li l-ajruplan intimat inzamm Malta permezz ta' mandat ta' arrest specifikament sabiex jigi kkawtelat kreditu dovut lilhom. Li kieku dan ma sarx, l-ezekutanti ma kien jkollha l-ebda rimedju skond il-ligi sabiex tirkupra dak li hu taghha. Illi ghalhekk, taht l-ebda cirkostanza ma ghandu jinghad li l-mandat kawtelatorju inhareg b'mod eccessiv, fieragh u vessatorju!*

*2.3 Mhux dovuti penali*

*Illi l-ezekutat qieghed jitlob ukoll illi l-ezekutanti thallas penali ai termini tal- artikolu 836(8)(c) tal-Kap 12. Mhux ikkontestat il-fatt, illi ai termini ta'l-Artikolu 836(8) tal-Kap 12, il-Qorti tista', f'kazijiet partikolari, tikkundanna lir-rikorrent li jkun inhareg att kawtelatorju fuq talba tieghu sabiex ihallas penali. Il-paragrafu (c) jghid senjatament:*

*(c) jekk ic-cirkostanzi tad-debitur kienu tali li* ***ma jaghtux lok ghal xi dubju ragonevoli dwar il-likwidita tieghu u dwar il-kapacita finanzjarja tieghu*** *li jhallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qaghda tad-debitur kienet maghrufa sew;*

*Illi pero' l-ezekutanti tirribatti li dan l-artikolu japplika dan il-kaz. L-ewwel nett, jigi ripetut ghal darb'ohra li kien car li l-ajruplan intimat kien ass f idejn s-socjeta' M.C.M Munich, u allura l-ezekutanti ezercitat il-jedd moghti lilha mil-ligi sabiex tikkawtela l-kreditu. It-tieni net, l-ezekutat ma ressaq l-ebda prova li biha l-ezekutanti messha ma kellha l-ebda dubju ragonevoli dwar il-likwidita' u l-kapacita' finanzjarja ta' M.C.M Munich li thallas il-kreditu dovut u dan wara li saru diversi interpellazi lilhom minn ghand l-ezekutanti.*

*Illi fir-rigward din ic-circostanza partikolari, cioe' l-artikolu 836(8)(c), din l-Onorabbli Qorti, fis-sentenza fl-ismijiet Helen Camilleri vs Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw il-wirt battal tal-mejjet Dun Luigi Camilleri [25.01.2014 JRM], sahqet is-segwenti:*

> *Illi dwar l-ewwel cirkostanza [Artikolu 836(8)(c)], il-Qorti tqis li r-rikorrenti ma ressqu l-ebda prova jew argument li minnhom l-ezekutanti ntwera li messha ma kellha l-ebda dubju ragonevoli dwar il-likwidita' tal-istess rikorroenti. Ghall-finijiet ta' din il-kawzali, l-ligi trid mhux biss li l-parti li kontra taghha jinhareg il-Mandat turi li c-cirkostanzi taghha kienu hekk li ma jaghtux lok ghal dubju*

> *ragonevoli dwar il-likwidita' taghha u l-hila taghha finanzjarja li thallas it-talbiet tal-kreditur, izda trid turi wkoll li dik il-qaghda taghha kienet maghrufa sew. G**hall-kuntrarju, sottomissionijiet infushom tal-ezekutati, issib li l-istess ezekulati jishqu fuq il-qaghda finanzjarja likwida taghhom b'mod generiku ghall-ahhar bla ebda accenn ghal xi dettal jew imqar b'dikjarazzjoni maghmula taht gurament** [emfasi mizjuda].*

*3.0 Konkluzjoni*

*Illi ghar-ragunijiet hawn fuq spejagti, l-ezekutanti tissottometti illi l-mandat ta' arrest hawn fuq imsemmi mhux talli mhuwiex abbuziv, izda ghall- kuntrarju, hija mxiet b'mod korrett u kkawtelat ruha ghal ammonti li johorgu cari kemm mill-Aircraft Purchase Agreement, kif ukoll ghal spejjez ohra relatati ma' l-operat tal-ajruplan intimat.*

*Illi l-ezekutanti kellha u ghad ghandha kull dritt illi tikkawtela l-pretensjonijiet taghha u certament m'ghandiex tigi ppenalizzata sempliciment ghaliex ezercitat jedd li ghandha skond il-ligi. B'hekk minghajr pregudizzju ghas-suespost, ebda danni jew penali ma huma dovuti.*

*Ghaldaqstant, jigi umilment sottomess illi dan ir-rikors ghar-revoka tal-Mandat ta' Arrest ta' Ingenji tal-Ajru (Numru 1244/14), ghandu jigi michud fl-intier tieghu, bl-ispejjez kontra l-ezekutat."*

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Mix-xhieda prodotta jirrizulta illi s-socjeta' Medilink flimkien mas-socjeta' M.C.M. Maintenance Centre Munich GmbH, (M.C.M. Munich) sid l-ajruplan, dahhlu fi ftehim *Aircraft Purchase Agreement* (APA) ghal-bejgh tal-ajruplan 9H-MCM MSN-0028, sabiex dan jintuza bhala *air ambulance* ; dahhlu fi ftehim ulterjuri cioe' *Short Term Lease Agreement* (STLA) sabiex l-ajruplan ikun jista' jigi pprovat ghal durata tal-APA.

Illi rrizulta pero illi dan l-ajruplan kellu diversi difetti teknici serji, ma kienx lest ghat-titjir, u ma setghax jigi pprovat mix-xerrej prospettiv skond l-APA u STLA. Ghaldaqstant is-socjeta'rikorrenti talbu ghar-rifuzjoni ta' :

1. Depositu ta' USD 50,000;
2. USD 50,000 ohra ai termini ta' klawsola 6 tal-APA; u
3. Eur 131,952.02 ghad-danni.

Dr. Valletta kuratur ghan-nom tal-ajruplan 9H-MCM MSN-0028, xhed illi s-socjeta' M.C.M. Munich kienet azzjonista maggioritarja fis-socjeta' socjeta' M.C.M. Maintenance Centre Malta Limited (M.C.M. Malta) – Vide Dok. B a fol. 7 et seq.

Huwa sostna li M.C.M Malta kienet proprjetarja ta' *hanger* fl-ajruport internazzjonali ta' Malta li l-valur tieghu jizboq bil-bosta l-ammont pretiz mis-socjeta' Medilink, apparti l-fatt illi M.C.M. Munich kellha assi wkoll fil-Germanja u ghalhekk ma hemmx dubbju dwar il-likwidita'. Dr. Valletta xhed illi l-ajruplan meritu tar-rikors promotorju kellu valur ta' USD 900,000 u **li l-arrest tal-istess ajruplan kien ser ifixkel il-bejgh tieghu**, stante li ebda xerrej prospettiv ma jkun jista' jeffettwa *flight trials.*

Fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2014, il-Qorti akkordat differiment qasir sabiex tinghata garanzija xierqa u alternattiva. Dan it-terminu nghata inutilment.

Permezz ta' nota datata 16 ta' Dicembru 2014 Dr. Valletta nomine ezebixxa kopja awtentikata tal-att pubbliku – Dok. PV1, vide fol. 97.

**Ikkonsidrat:**

It-talba odjerna tirrigwarda talba ghar-revoka ta' mandat kawtelatorju ta' arrest ta' ajruplan, u dana ai termini tal-Artikolu 836(1)(c) tal-Kapitolu 12; talba ghal-garanzija f'ammont ta' USD900,000; u ghall-impozizzjoni ta' penali ai termini tal-Artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12.

Illi l-**artikolu 836 (1) (c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdi li:-

> ***"(1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intmat li jkun hareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda titratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox sew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:-***
>
> ***(c) li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni;".***

Qabel ma tezamina, il-kawzali fuq indikati, din il-Qorti sejra isemmi uhud mill-principji elementari illi fuqhom jissejsu kawzi dwar Revoka ta' Mandati Kawtelatorji.

Il-Qrati enuncjaw principji mportanti fir-rigward ta' kawzi dwar revoka ta'Mandati Kawtelatorji fejn l-ezami li hija mistennija illi taghmel il-Qorti huwa wiehed prima facie. Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Castelli Av. Carmelo noe vs Focal Maritime Services Ltd et"** tas-**26 t`April 2002** per **Onor Imhallef Dr. G. Camilleri** intqal hekk:-

> ***"Skond l-artikolu 836 (d) u (f) tal-Kap 12 jista' jigi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli. L-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan il-kuntest huwa wiehed 'prima facie'."***

Illi fid-digriet fl-ismijiet**"Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et"** tal-**10 ta' Mejju 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace**, u **"Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et" tad-29 ta' Novembru 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad ukoll ***"li mid-dispozizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel l-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn 'si tratta' dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja.***

Hekk ukoll fid-decizjoni fl-ismijiet **"Tanya Chetcuti proprio et nomine vs Hugo Chetcuti"** tas- **27 ta' Gunju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad:-

> ***"Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina 'prima facie' jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. ("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" – P.A. (RCP). 10 ta' Mejju 2001; "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001)".***

Vide ukoll (**"Yorkie Clothing Industry Ltd" u "Calleja Cremona Dr. Lilian**" –tat-**30 ta ` Mejju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace**) kif ukoll "**John Zarb vs Port Cottonera Ltd**" tas-**16 ta` Settembru 2002** per **Onor Imhallef Dr. T. Mallia**).

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti wara li gharblet il-provi migjuba a konjizzjoni taghha, taghraf illi Mandat Kawtelatorju bhal dan taht ezami, jista’ jigi revokat kemm-il darba jintwera li hemm garanzija xierqa ohra li tista’, a sodisfazzjoni ta’ din il-Qorti, tassigura l-pretensjoni originali.

Skond il-gurisprudenza nostrali, tali garanzija trid tkun wahda ***“soda, cara u realizzabbli lill-ezekutant”*** – vide sentenza fl-ismijiet **Helen Camilleri vs Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw il-wirt battal tal-mejjet Dun Luigi Camilleri** deciza fil-**25 t’April 2014** per **Onor Imhallef J. R Micallef**.

Illi l-prova dwar l-assi u l-likwidita’ tal-ajruplan 9H-MCM MSN-0028, kellha issir minn Dr. Valletta nomine, billi jintwera ***“in konkret”*** li hemm ***“assi zguri li jistghu jaghmlu tajjeb ghal-pretensjoni tal-intimat”***.- Vide **John Zarb vs Port Cottonera Limited** deciza fit-**18 ta’ Settembru 2002** per **Onor. Imhallef T. Mallia**.

Din il-Qorti tqis illi Dr. Valletta nomine ma ssodisfax il-piz tal-prova li fil-fatt jezisti gid iehor li jista’ jaghmel tajjeb ghal-pretensjonijiet ta’ Medilink International Air Ambulance Limited. Illi anzi din il-Qorti akkordat terminu ta’ zmien sabiex tingab garanzija alternattiva (bhal per ezempju garanzija bankarja), biex taghmel tajjeb ghall-ammont pretiz. Dan id-differiment inghata inutilment. Illi ghaldaqstant l-Qorti tichad l-ewwel talba ghar-revoka tal-mandat t’arrest tal-ajruplan 9H-MCM MSN-0028.

Ghar-rigward tat-talba ghall-impozizzjoni tal-penali ai termini tal-Artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12, din l-Qorti taghraf illi din hija sanzjoni fakoltattiva, imholliha fid-diskrezzjoni tal-istess Qorti wara li jintwera ghas-sodisfazzjoni taghha, li sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsuba mill-ligi ghall-impozizzjoni tal-istess sanzjoni, u cioe’ is-subincizi (a) sa (d), tal-Artikolu 836(8) tal-Kap.12.

Il-Qorti hija tenuta li timponi dawn il-penali fejn jirrizultaw l-estremi tal-ligi fuq indikati. Dan huwa artikolu ta’ ordni pubblika bl-iskop li jigi assikurat is-serjeta tal-process gudizzjarju u sabiex l-istitut ta’ mandati kawtelatorji ma jigix uzat abbusivament - Vide sentenzi fl-ismijiet **“Carmel Farrugia u martu Lucija Farrugia vs Charmaine Farrugia f’isimha proprju u f’isem binha minuri Francesco”** deciza fit-**2 t’Awissu 2012** per **Onor Imhallef Dr. J.R. Micallef**, **“Cole Foods Limited vs Euro Imports**

**Limited"** deciza fit-**13 ta' Marzu 2003**, per **Onor Imhallef Dr. T. Mallia** u **"Joseph Rapa vs Raymond Sammut" Appell Civili** deciza fit-**13 ta' Marzu 2001**.

Illi fil-kaz odjern il-Qorti ma jidhirlix li Dr. Valletta nomine ipprova r-rekwiziti tal-ligi tali, li jikkonducu lil din il-Qorti tinfliggi din it-tip ta' sanzjoni.

Illi ghar-rigward tat-talba ghal-garanzija xierqa f'ammont tal-valur tal-ajruplan intimat u cioe' USD 900,000, l-Artikolu 865H tal-Kap 12 li jipprovdi illi:

> ***"Il-qorti tista' meta tingieb raguni tajba ... tordna lill-parti li titlob il-hrug ta' mandat li jgib, fiz-zmien li jigi moghti mill-qorti, garanzija tajba f'ammont ta' mhux inqas minn hdax -il elf u sitt mitt euro, ghall-hlas tal-penali, id-danni u l-imghaxijiet u fin-nuqqas ta' dan, thassar il-mandat".***

Din il-Qorti taghraf illi l-ajruplan intimat ma ressaq ebda prova dwar *"ir-raguni tajba"* ' l ghaliex ghandha tingieb il-garanziija f'ammont ta' hdax –il elf u sitt mitt Ewro (u mhux USD 900,000 kif pretiz), li tinklina lil din il-Qorti sabiex tistabilixxi din il-garanzija xierqa, aktar u aktar meta, minkejja l-opportunita moghtija minn din il-Qorti, l-ajruplan intimat naqas illi jgib prova konkreta tal-assi tas-socjeta' sid tal-istess ajruplan, jew almenu garanzija xierqa, bhal perezempju garanzija bankarja, biex jaghmel tajjeb ghal-pretensjonijiet ta' Medilink Company Limited.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjonijiet ta' Medilink Air Ambulance Limited, u tichad it-talbiet ta'Dr. Valletta bhala kuratur in rapprezentanza tal-ajruplan intimat.

Bi spejjez kontra l-ajruplan intimat.

**Moghti kameralment illum 22 ta' Dicembru 2014**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------